

Brussell, 4 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9918/19

PECHE 272

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 248 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jiġu konklużi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 248 final.

Mehmuż: COM(2019) 248 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2019
COM(2019) 248 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jiġu konklużi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

{SWD(2019) 195 final} - {SWD(2019) 196 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAR-RAKKOMANDAZZJONI

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Kummissjoni qed tippromponi li tinnegozja Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ġdid mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania li t-tnejn li huma jkunu jissodisfaw il-bżonnijiet tal-flotta tal-Unjoni u jkunu konformi mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (il-PKS) u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Ftehim attwali ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritania¹ ġie ffirmat fl-4 ta' Awwissu 2008². Din ir-Rakkomandazzjoni tippromponi li jiġi nnegozjat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli sabiex jiddaħħlu fih ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013³ li l-Ftehim attwali ta' Sħubija dwar is-Sajd ma jkoprihomx. Il-Protokoll attwali ta' erba' snin tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd⁴ daħal fis-seħħ fis-16 ta' Novembru 2015⁵ u se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019. Dan il-Protokoll ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/451⁶ u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1373⁷. Huwa jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji korrispondenti li l-Unjoni u s-sidien tal-bastimenti jridu jħallsu.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja pubblika annwali li l-UE għandha tagħti lill-Mauritania hija ta' EUR 61 625 000⁸ — minn dan l-ammont, EUR 4 125 000 huma allokatu għall-appoġġ settorjali.

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Mauritania jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qieġh u tal-ħut pelaġiku, kif ukoll għas-sajd għat-tonn u għall-ispeċijiet tal-ħut li jpassi ħafna għall-bastimenti tal-UE minn għaxar Stati Membri (li huma l-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja u l-Portugall)⁹. L-Unjoni Ewropea diġà għandha netwerk żviluppat ta' Ftehimiet bilaterali ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli fl-Oċean Atlantiku, faċċata tal-Afrika tal-Punent, jiġifieri mal-Marokk, mas-Senegal, mal-Gambja, mal-Guinea-Bissau, mal-Liberja u mal-Kosta tal-Avorju.

¹ ĠU L 343, 8.12.2006, p. 4.

² <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/treaties-agreements/agreement/?id=2006111&DocLanguage=en>.

³ Ara t-Titolu II tal-Parti VI tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

⁴ ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3.

⁵ <https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/treaties-agreements/agreement/?id=2015063&DocLanguage=en>.

⁶ ĠU L 69, 15.3.2017, p. 34.

⁷ ĠU L 193, 25.7.2017, p. 4.

⁸ Għall-aħħar sentejn tal-Protokoll. Għas-sentejn ta' qabel din kienet ta' EUR 59 125 000 (ara l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll, kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/451 tal-14 ta' Marzu 2017 (ĠU L 69, 15.3.2017, p. 34)).

⁹ Ir-Renju Unit kellu opportunitajiet tas-sajd sal-2019 fil-kuntest tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-oġettivi tal-PKS fil-livell internazzjonali u jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mill-ilmijiet tagħha jissejsu fuq l-istess prinċipji u l-istess standards li japplikaw skont il-liġi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jrawmu l-kooperazzjoni xjentifika bejn l-UE u s-sħab tagħha, jipromwovu t-trasparenza u s-sostenibbiltà sabiex ir-riżorsi tas-sajd jiġu ġestiti aħjar u jinkuraġġixxu l-governanza billi jappoġġaw il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-attivitajiet tal-flotot nazzjonali u barranin u billi jipprovdu l-fondi biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU). Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-industrija lokali tas-sajd u wkoll għall-promozzjoni tat-tkabbir u ta' xogħol deċenti b'rabta mal-attività marittima. Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jsaħħu l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali tas-sajd — fil-każ tal-Mauritania, b'mod partikulari, isaħħu l-pożizzjoni tagħha fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT)¹⁰ u fil-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (is-CECAF)¹¹.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Ftehim ġdid u ta' Protokoll mal-Mauritania huwa konformi mal-azzjoni esterna tal-UE b'rabta mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (il-pajjiżi AKP) u, b'mod partikulari, mal-oġettivi tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAR-RAKKOMANDAZZJONI

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għad-deċiżjoni jipprovdiha l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), li jistabbilixxi l-proċedura għan-negozjar u għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-UE u pajjiżi terzi u li jinsab fit-Titolu V, li jittratta l-ftehimiet internazzjonali, tal-Ħames Parti ta' dak it-Trattat, li tittratta l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ma tapplikax — kompetenza esklużiva.

- **Proporzjonalità**

Id-deċiżjoni hija proporzjonali mal-oġettiv.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument huwa previst fl-Artikolu 218(3) u fl-Artikolu 218(4) tat-TFUE.

¹⁰ <http://www.fao.org/fishery/rfb/iccat/en> — din hija l-korp stabbilit skont il-liġi internazzjonali għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-ispeċijiet tal-ħut li jpassi ħafna f'dan ir-reġjun.

¹¹ <http://www.fao.org/fishery/rfb/cecaf/en> — għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ u tal-ħut pelaġiku.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2018 u fl-2019, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Mauritania, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni huma mogħtija b'mod separat f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni.

Mill-evalwazzjoni ħareġ li s-setturi tas-sajd tal-UE huma interessati ferm fis-sajd fil-Mauritania u li t-tiġdid tal-Protokoll se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u biex tittejjeb il-governanza tas-sajd fir-reġjun.

Minħabba li l-Mauritania għandha żona kbira tas-sajd taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, għall-UE huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' dan l-attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell sottoreġjonali. Barra minn hekk, għall-bastimenti tal-UE, l-iktar għal dawk ibbażati fir-reġjuni l-aktar imbiegħda, bħall-Gżejjer Kanarji, li jistadu għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ u tal-ħut pelaġiku, u għall-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, dan ifisser li jinżamm l-aċċess għal żona importanti tas-sajd fejn jistgħu jużaw strateġiji ta' qbid skont qafas legali internazzjonali pluriennali.

Għall-awtoritajiet tal-Mauritania, l-għan hu li jkomplu jżommu relazzjonijiet mal-UE biex tissaħħa il-governanza tal-oċeani u biex jibbenefikaw mill-appoġġ settorjali speċifiku li jipprevedi opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni ġew ikkonsultati l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u s-soċjetà ċivili tal-Mauritania. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal, b'mod partikulari waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma japplikawx.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma tapplikax.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikawx.

- **Drittijiet fundamentali**

Id-direttivi tan-negożjar proposti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni jirrakkomandaw li jiġi awtorizzat il-ftuħ tan-negożjati, inkluża klawżola dwar il-konsegwenzi li jkun hemm f'każ li jinkisru d-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji demokratiċi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji marbutin mal-Protokoll il-ġdid jinkludu l-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja lir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania. Jeħtieġ li l-allokazzjonijiet baġitarji korrispondenti għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiddaħħlu kull sena fil-linja baġitarja għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (11 03 01) u li dawn l-allokazzjonijiet ikunu kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali rilevanti. L-ammonti annwali għall-impenji u għall-pagamenti huma stabbiliti fil-proċedura baġitarja annwali, inkluża l-linja ta' riżerva għall-protokoll li jkun għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena¹².

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

In-negozjati mistennija jinbdeu fit-tieni kwart tal-2019.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kummissjoni tirrakkomanda:

— li l-Kunsill jawtorizzaha tiftaħ u twettaq negozjati biex jiġu konklużi Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania;

— li hija tinħatar bħala n-negozjatur tal-UE dwar dan is-suġġett;

— li hija twettaq in-negozjati b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali, kif stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— li l-Kunsill japprova d-direttivi tan-negozjar mehmużin ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

¹² Il-Kapitolu 40 (il-linja ta' riżerva 40 02 41) skont il-ftehim interistituzzjonali dwar il-QFP (2013/C 373/01).

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex jiġu konklużi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu n-negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Mauritania bil-ħsieb li tikkonkludi Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ma' dan il-pajjiż.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitwettqu b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika Esterna tas-Sajd u abbażi tad-direttivi tan-negozjar stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*